Owen Bonnici

Sur President,

Fis-seduta li ghaddiet intlahaq qbil illi jew jiena jew rapprezentant ta' Identity Malta jixhed dwar iz-zewg kuntratti li l-Gvern iffirma mas-socjeta' Henley and Partners u li gew ippubblikati fl-ahhar seduta.

Nippreciza li x-xhieda tal-lum, skont il-ftehim li rregistrajna l-ahhar darba, ghandha tkun limitata ghar-ragunijiet li wasslu biex xi klawsoli fiz-zewg kuntratti jigu mghottija.

Se nkun jien li nkun qed nixhed dwar dan.

Xtaqt bil-permess tal-Kumitat inqieghed kollox f'kuntest u ghalhekk xtaqt naghmel xi punti.

L-ewwel punt.
Diga' qbilna fis-seduta li ghaddiet li xoghol dan il-kumitat m'huwiex biex jerga' jiddibatti l-principju jew il-kuncett ta' "Cittadinanza b'Investiment" jew kif inhu msejjah fil-kamp internazzjonali "Citizenship by Investment" , mhux ghaliex ghandi xi problema niddiskuti dan il-kuncett kemm hemm bzonn – anzi- , imma ghaliex il-funzjoni ta' Kumitat ghall-Kontijiet Pubblici hi regolata minn dak li jghidu l-Ordnijiet tal-Kamra.

Biss hu doveruz li nispjega li hawnhekk m'ahniex qed nitkellmu fuq xi kuntratt ta' kiri jew kuntratt fejn wiehed iqabbad kuntrattur jibni proprjeta' fuq bicca art. Qed nitkellmu fuq il-holqien ta' nicca gdida li l-Gvern sabiex l-ekonomija tkompli tibqa' tikber u tkompli tohloq il-gid.

Fl-ahhar snin, iz-zewg nahat tal-Kamra tad-Deputati hadmu biex ikabbru setturi li llum qed jiggeneraw gid u gid li minnu jgawdi kulhadd – insemmi l-qasam tas-settur finanzjarju, s-settur tal-marittimu, s-settur tal-farmacetika, s-settur tal-films, u ohrajn fosthom anke fl-akkwist ta' permess ta' residenza f'Malta ghal min jinvesti.

Il-programm ta' cittadinanza b'investiment hu evoluzzjoni ta' dan ta' l-ahhar u ghandna nkunu kburin li ahna minn ta' quddiem u fi zmien qasir hloqna programm li joffri innovazzjoni tal-ghola livell globali, approvata mill-Kummissjoni Ewropea. U programm serju fejn id-due diligence effettiva, stringenti u tajba hija komponent krucjali u allura tirrendi wkoll il-programm wiehed ta' reputazzjoni tajba.

Ghaldaqstant, l-ghazla li kellu l-Gvern quddiemu kienet li jew jipprova johloq dan il-programm wahdu, jew inkella, kif fil-fatt iddecieda li jaghmel, johrog rikjesta internazzjonali ghal servizzi specjalisti fil-qasam, biex dan il-programm jigi ddisinjat u implimentat fl-iqsar zmien ragjonevoli u l-pajjiz jibda jibbenefika minnu immedjatament.

Kif jaf kulhadd, kien hemm evoluzzjoni fl-istruttura u l-operazzjoni tal-programm – ghalhekk jezisti t-tieni kuntratt – u ftahna l-partecipazzjoni wkoll f'dan il-programm ghall-professjonisti lokali. Fil-fatt, illlum, apparti Henley & Partners, hemm izjed minn mitt agent lokali, li jikkonsistu f'avukati, accountants, awdituri u kumpaniji ohra professjonali li qed jippartecipaw f'dan il-programm u jattiraw investituri godda lejn xtutna.

U dan il-programm effettivament qed ihalli l-frott. Hemm diga izjed minn 400 individwu li applika ghalih, li holqu u diga' qed jiggeneraw diga' ammont sabih ta' xoghol u investiment.

Infakkar li, matul iz-zjarat taghhom f'Malta, dawn l-applikanti, biex jissodisfaw ir-rekwiziti li trid il-ligi – bhax-xiri u kiri ta' proprjeta' ta' valur gholi, xiri ta' bonds, assikurazzjoni fuq is-sahha - qed jaghmlu uzu minn issa minn lukandi, drivers, avukati, nutara, cleaners ghad-djar taghhom, translators, property managers, estate agents u servizzi tal-insurance.

Qed nahdmu, u diga' qed jirnexxielna, biex dawn l-investituri meta jkunu hawn Malta jaraw u jifhmu x'beneficcji joffri dan il-pajjiz, specjalment fil-qasam tas-settur finanzjaru, u nhegguhom jifthu kumpaniji jew strutturi li jhallu dhul iehor finanzjaru ghal-pajjiz li hu wiehed kontinwu.

Esperti fil-qasam jistmaw li dawn l-400 applikant li qeghdin f'idejna jistghu jhallu fl-ekonomija Maltija xejn inqas minn 450 miljun ewro. Ammonti li se jbiddlu l-wicc ta' pajjizna ghall-ahjar.

Biex pajjizna jaghmel success minn dan il-programm, hu essenzjali li nifhmu li m'ahniex wehidna f'dan is-settur. Hemm ghadd ta' pajjizi ohrajn li bhalna joffru programmi ta' Cittadinanza b'Investiment min b'mod u min b'iehor. Jekk irridu nisparaw ghal saqajna u nroddu domnu fuq il-hajja ta' dan il-programm, l-ehfef haga li naghmlu hi li mperrcu kull dettall li hemm f'kull dokument halli pajjizi ohra jaraw x'qed naghmlu ahna u jaghmlu ahjar minna waqt li taghhom id-dettalji jzommuhom mohbija.

pajjizi ohra jaraw x'qed naghmlu ahna u jaghmlu ahjar minna waqt li taghhom id-dettalji jzommuhom mohbija.
Qisek qieghed ittellaq fil-formula one, u lill-kompetitur tieghek taghtih sal-inqas dettall kull vit u skorfina li ghandek fil-magna tal-karozza.

Ma nahsibx li rridu hekk. Jekk irridu li dan is-settur jiffjorixxi bhalma fjorixxew setturi ohrajn, allura nahdmu bil-ghaqal u dak li hu sensittiv ghandu jibqa' mhux maghruf ghall-gid tal-competitive edge.

It-tieni punt

Il-Gvern japprezza l-funzjoni krucjali u delikata li jilghab dan il-Kumitat fid-demokrazija taghna.

Infakkar li f'kuntratti ta' dan it-tip is-soltu jkun hemm klawsoli stringent ta' kunfidenzjalita' li jorbtu lill-Gvern u lill-koncessjonarju milli jizvelaw informazzjoni. Fil-fatt anke f'dan il-kuntratt hemm it-titolu 11 ta' l-ewwel kuntratt li jitkellem dwar il-Kunfidenzjalita'. Biss, ghaliex ahna nafu bl-importanza ta' dan il-Parlament u bl-importanza li jinholoq bilanc bejn il-kunfidenzjalita' assoluta minn naha u t-trasparenza min-naha ohra, innegozjajna mal-koncessjonarju eccezzjoni importanti u se niccita:

*11.4 Nothing in this clause 11 shall be construed as limiting the Government in its freedom to perform its Constitutional or public law transparency and/or accountability obligation.*

Din, Sur President, ma dahlitx b'kumbinazzjoni imma ghaliex nghozzu t-trasparenza daqs kemm nghozzu l-bzonn li dan il-programm ikun success.

It-tielet punt

Irrid infakkar illi Mr Speaker diga' ta ruling li jirregola l-punt ta' kif ghandna nitrattaw il-kuntratti li ghandna ghad-diskussjoni u allura kull ma nghid f'dawn il-proceduri bilfors irid ikun jimxi *in line* ma' dak li qal Mr Speaker.

Fid-19 ta' Mejju, 2014 Mr Speaker kien qal in succint zewg affarijiet:

1) li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi mhuwiex suġġett li jistenna xi digriet tal-Qorti jew xi eżitu ta' xi kawża sabiex huwa jkun jista' jeżamina materja li huwa jidhirlu li tkun fl-interess nazzjonali. Ghalhekk, ghad li hemm kawza pendenti fil-Qorti ghax kien hemm min hass li kellu jirbah

il-kuntratt hu, Mr Speaker qal li ma ghandniex nistennew li tispicca dik il-kawza biex dan il-Kumitat jaghmel xoghlu. U fil-fatt hekk qed naghmlu. Dan il-kumitat beda bil-hidma tieghu.

2) Dwar jekk il-Kumitat jistax igieghel Ministru jesebixxi kuntratt tal-Gvern , l-iSpeaker kien qal li jekk dokument jiġix prodott jew le hija decizjoni tal-Kumitat. Issa f'dan il-Kumitat il-Gvern ghandu l-maggoranza u kieku ried seta' mexa b'mod differenti. Biss il-Gvern, minkejja n-numri fil-Kamra, fil-fatt ghazel li jippubblika z-zewg kuntratti ghajr xi partijiet li gew mghottija.

Pero' Mr Speaker ma qalx hekk biss. Qal ukoll li l-pubblikazzjoni ghandha ssir taht is-salvagwardji li wieħed għandu jagħmel b'ċertu kawtela, speċjalment meta l-Gvern stess iddikjara li hemm ukoll raġunijiet ta' natura kunfidenzjali għalfejn kien ħa pożizzjoni li ma jippreżentahx.

Se nikkwota:
*"Fil-każ li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jiddeċiedi li l-kuntratt għandu jiġi ppreżentat quddiemu, iċ-Chairperson għandu jassigura li jittieħdu l-kawteli kollha meħtieġa biex jiġu salvagwardati kemm l-interess tal-ġustizzja, stante l-kawża pendenti, kemm l-interess tal-iskrutinju pubbliku kif ukoll jara li jiġu mħarsa dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li jirrigwardaw is-sigurtà tal-pajjiż, is-segretezza kummerċjali u ċirkostanzi oħra."*

Mela ghalhekk ic-cirkostanzi li ghandhom iwasslu biex certi klawsoli ma jigux pubblikati m'humiex dawk rigwardanti s-sigurta' tal-pajjiz biss, imma anke s-segretezza kummercjali u cirkostanzi ohra.

Mr Speaker qal ukoll li anke f'każ ta' problemi dwar kif għandhom isiru dawn il-kawteli u l-modi tal-applikazzjoni tagħhom, iċ-Chairperson dejjem jista' jitlob gwida mill-istess Sedja biex hija tkun tista' ttih direzzjoni ċara dwar dawk is-salvagwardji u kawteli neċessarji biex dan ikun jista' jsir.

Issa l-Gvern ma qaghadx jistenna li mmorru ghand Mr Speaker biex itina direzzjoni dwar il-kawteli u l-modi tal-applikazzjoni taghhom imma b'rispett shih lejn dan il-Kumitat u lejn il-process demokratiku ghazel li jippubblika l-kuntratti soggett ghal certu partijiet kommercjalment sensittivi li jigu mghottija.

Nawgura li l-maturita' li nittama li se tirrenja f'din il-Kamra se twassal biex il-Kumitat ma jkollux ghalfejn imur ghand Mr Speaker biex ninghataw direzzjonijiet ulterjuri. Nittama li jirbah is-sens komun u l-interess nazzjonali.

Il-partijiet mghottija

Sur President, jekk wiehed jghodd il-klawsoli u sub-klawsoli li hemm fiz-zewg kuntratti ssib li b'kollox hemm 206 klawsoli u sub-klawsoli – 189 fl-ewwel kuntratt u 17 fit-tieni kuntratt li jemenda l-ewwel wiehed.

Minn total ta' 206 klawsola u sub-klawsola l-Gvern ghatta 14-il-kawsola biss, u terga' tnejn mill-14 imsemmija lanqas ma gew mghottija kollha. Dana biex nitfghu kollox fil-perspettiva.

Ir-ragunijiet li wasslu biex dawn l-14 il-klawsola jew sub-klawsola jigu mghottija huma ghaliex dawn il-klawsoli effettivament jaqghu taht xi wiehed mis-segwenti kategoriji:

1) Klawsoli li jirrelataw ma' deskrizzjonijiet tal-process flow tal-kummissjoni li tithallas lill-koncessjonarji li huma meqjusa li huma kommercjalment sensittivi.
2) Klawsoli li jirrelataw ma' deskrizzjonijiet dwar performance targets li huma kommercjalment sensittivi.
3) Klawsoli li jirrelataw ma' deskrizzjonijiet dwar aspetti tal-process flow intern li jistghu jaffettaw l-marketability tal-programm.

Fis-seduta li ghaddiet saret ukoll domanda dwar jekk jistghux jigu pubblikati l-concept paper u d-dokumentazzjoni kollha li ngabret minn kull applikant li xtaq jitfa' ismu fit-tellieqa ghall-ghazla tal-koncessjonarju.

Dwar l-ewwel punt, jigifieri l-pubblikazzjoni tal-concept paper jien jidhirli li din il-htiega fi kwalunkwe kaz m'ghadhiex tezisti peress li fit-tieni kuntratt fi klawsola 7.1. jinghad car li minflok il-concept paper qed jintuzaw ir-Regolamenti li huma pubblici diga' u l-Operations Manual tal-IIP Processing Ltd.

Fejn jidhol l-Operations Manual jien ma jidhirlix li hu ghaqli li nippubblikaw il-Manwal ta' l-Operazzjonijiet, mhux l-inqas ghaliex jekk nippubblikawh inkunu

qed niffacilitaw bil-bosta l-hajja tal-kompetituri taghna ghax inkunu qed intuhom template fuq platt tal-fidda biex jirfinaw u jtejbu fuqna.

Fejn jidhlu d-dokumenti kollha li gabru l-applikanti li xtaqu jitfghu isimhom fit-tellieqa ghall-ghazla tal-koncessjonarju u li allura diga' huma semi-pubblici, jiena nahseb li nistghu niddiskutu informalment iz-zewg nahat tal-Kamra fuq soluzzjonijiet prattici li jissodisfaw il-bilanc li rridu nzommu f'mohhna f'kull mument.

Sur President biex naghlaq irrid nishaq li l-Gvern jemmen f'dan il-Programm - li ma ninsewx li llum huwa approvat mill-Kummissjoni Ewropea - ghaliex il-gid li se johrog minnu se jwassal lil pajjizna biex jiehu qabza fil-kwalita' li qatt ma rajna bhalha qabel.

Nappella li fil-hidma li jaghmel dan il-kumitat ma naghmlu xejn li twassal biex dik il-qabza flok jaghmluha l-Maltin u Ghawdxin kollha jaghmilha haddiehor, f'pajjizi ohra.

Owen Bonnici
Ministru

25 ta' Frar, 2015